MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 300/2004

**Dr. Andrew Chetcuti Ganado u Raphael Aloisio bhala likwidaturi ta’ Paola Motors Ltd (gja Daewoo Malta Ltd, gja Universal Commerce Agency Ltd)**

**vs**

**Michael u Yvonne konjugi Schembri**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, mija u tmintax-il lira Maltin u hamsin cemtezmu (Lm2,118.50) rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenuti in konnessjoni ma’ kambjaliet iffirmati u skaduti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali datata 21 ta’ Mejju, 2003 u bl-imghax legali kontra konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-5 ta' Ottubru, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------